

# ANNIVERSARJI

Dawn il-ġrajjiet f'din il-kitba, u li l-anniversarji tagħhom jaħbtu matul din is-sena, huma biss għażla żgħira minn fost ħafna li seħħew fl-imgħoddi u li, flimkien ma' oħrajn, sawru l-istorja ta' din il-belt u tal-parroċċa.

*Din is-sena jaħbat ...*

## 400 SENA MILL-WASLA PROVIDENZJALI TAL-BAMBINA (1618)

Dan l-anniversarju singulari u storiku għall-parroċċa qed jissemma f'diversi kitbiet oħra f'dan il-ktejjeb. Ċertament, din il-wasla providenzjali tal-Bambina hija waħda mill-isbaħ paġni fl-istorja kemm tal-parroċċa kif ukoll ta' beltna.

## 350 SENA MIT-TRASFERIMENT TAL-FRATELLANZA TAR-RUŻARJU MINN SAN FILIPPU GĦALL-PARROĊĊA (1668)

Il-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju kienet twaqqfet fl-Isla fis-sena 1598 fil-knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo (San Filippu). L-imseħbin kienu marbutin b'obbligi u devozzjonijiet, fosthom l-organizazzjoni ta' purċissjoni f'ġieħ il-Madonna tar-Rużarju. Kienet fratellanza b'ħidma qawwija u ħajja.

Meta mbagħad il-knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo għaddiet f'idejn l-Oratorjani ta' San Filippu Neri, inħass illi dik il-fratellanza ma kienx aktar postha f'dik il-knisja u fis-sena 1668 – 350 sena ilu – ġiet trasferita fil-parroċċa. Dan it-trasferiment sar lejn tmiem Ottubru u mill-bidu tax-xahar ta' Novembru, il-fratelli bdew jagħmlu d-devozzjonijiet tagħhom fil-parroċċa.

## 325 SENA MINN TERREMOT DIŻASTRUŻ (1693)

Fil-11 ta' Jannar 1693 – 325 sena ilu – il-gżejjer Maltin intlaqtu minn terremot diżastruż, b'theżżiż li baqa' sejjer għal xi jiem. Kien ħalla ħsarat kbar fil-bini ta' knejjes, palazzi u djar – inkluż il-Katidral tal-Imdina – u li f'xi każi, il-bini kellu jinbena kompletament mill-ġdid. Fl-Isla kien hawn biża'



*Qoxra tal-missall tal-Fratellanza tar-Madonna tar-Rużarju. Xogħol li sar lejn l-aħħar tas-seklu dsatax.*



*Il-koppja, mibnija mill-Arkitett Tumas Dingli lejn l-1640, li kellha tinħatt totlament fl-1927.*



kbir u għal għadd ta' ġranet, in-nies ħalliet id-djar u għexet fit-tined jew fuq il-braken fuq il-baħar.

Il-knisja parrokkjali ġarrbet ħsarat, l-aktar fil-koppla. Din, għad li ma tantx kienet ilha li nbniet, dehru fiha konsenturi ħoxnin. Biex tissaħħaħ din l-istruttura, ġew imbarrati erba' mit-tmien twieqi, u tbaxxiet l-iskutella. Biex tpatti għad-dawl mitluf mit-twieqi imbarrati, inbniet lanterna għolja. Din il-koppla baqgħet wieqfa sas-sena 1927, meta eventwalment kellha tinħatt kollha minħabba ħsaret minn terremot ieħor.

## 300 SENA MINN PELLEGRINAĠĠ GĦAL TAL-ĦLAS F'ĦAL QORMI (1718)

Fis-sena 1718, Malta ntlaqtet minn nixfa kbira, b'nuqqas ta' xita għal ġimgħat sħaħ. L-Isqof Mons. Giacomo Canaves, ordna li jsir talb għax-xita u li l-fratellanzi jorganizzaw pellegrinaġġi penitenzjali. Il-kappillan tal-Isla, Dun Fortunat Vella, ħaseb li jsir pellegrinaġġ mill-fratellanzi kollha u li fih tinġarr l-istatwa tal-Bambina. Fl-10 ta' April sar dan il-pellegrinaġġ/purċissjoni li kien wieħed twil, għaliex mexa mill-Isla sal-knisja tal-Madonna Tal-Ħlas fil-limiti ta' Ħal Qormi. Skont relazzjoni fil-kotba tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni, li f'dak iż-żmien kellha l-kura tal-istatwa tal-Bambina, waqt li l-pellegrinaġġ kien fi triqtu lura lejn l-Isla, bdiet tqattar ix-xita u, sa ma waslu, ix-xita kienet nieżla bil-qliel.



*Il-knisja ta' Sidtna Marija Tal-Ħlas, f'Ħal Qormi.*

## 275 SENA MILL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA PARROKKJALI (1743)

Għad illi l-knisja parrokkjali ta' Marija Bambina kienet ilha ħafna li nbniet, u anke li ġiet imkabbra, sas-sena 1743 kienet għadha ma ġietx ikkonsagrata skont ir-rit tal-liturġija Rumana. F'dawk iż-żminijiet, kienet kważi drawwa li l-knejjes ma jiġux ikkonsagrati mill-ewwel kif jinbnew, sakemm tieħu infrastruttura finali. Dan ġieli kien jieħu bosta snin. Il-jum li fih din il-knisja ġiet ikkonsagrata kien l-20 ta' Ottubru 1743 – 275 sena ilu.

Ir-rit tal-konsagrazzjoni tmexxa mill-Isqof Mons. Pawlu Alferan de Bussan. Dakinhar, ġie wkoll ikkonsagrat l-artal maġġur. Sa ma ntilfet fil-ħerba tal-gwerra, ma' wieħed mill-pilastri tal-knisja kien hemm lapida li tfakkar din il-konsagrazzjoni. Illum, din il-ġrajja hija mfakkra fil-lapida li tfakkar il-konsagrazzjoni mill-ġdid tal-knisja fl-1957.




*Lapida li naraw fil-knisja llum u li tfakkar il-konsagrazzjoni tal-1743 u din tal-1957.*

## 75 SENA MIR-RITORN FL-ISLA TAL-BAMBINA WARA L-GWERRA (1943)

Sentejn u nofs wara li l-Bambina kienet ilha li ttieħdet fil-Kolleġġjata ta' Sant'Elena f'Birkirkara bħala protezzjoni fi żmien il-gwerra, fis-sajf tas-sena 1943, il-qagħda kienet tjiebet u l-ħbit mill-ajru kien batta ħafna. L-Arċipriet, il-Kan. Emmanuel Brincat, ħaseb illi għall-festa ta' dik is-sena, il-Bambina tinġieb lura fl-Isla. Bi ftehim mal-Kapitlu, dan sar u l-istatwa inkurunata ta' Marija Bambina inġiebet f'din il-belt imfarrka bil-bombi.



Peress illi l-Bażilika wkoll kienet kważi distrutta għalkollox, l-istatwa tqiegħdet f'kamra maġenb is-sagrestija u nhar is-7 ta' Settembru ġiet trasferita proċessjonalment lejn il-knisja ta' San Filippu. Fit-8 ta' Settembru 1943 – 75 sena ilu – saret il-festa u l-purċissjoni għaddiet minn qalb it-tifrik ta' din il-belt. Appena l-Bambina waslet ix-xatt, fejn 22 sena qabel kienet ġiet inkurunata solennement, l-Arċipriet Brincat ingħata l-aħbar li l-Italja kienet ċediet, u għalhekk il-gwerra kienet tbiegħdet għalkollox minn xtutna. Tassew ġrajja storika u data glorjuża fid-damma tal-istorja ta' beltna.



*Il-purċissjoni bl-istatwa tal-Bambina f'Settembru 1943, qalb il-bini mġarraf ta' Triq il-Vitorja.*

## 50 SENA MINN MISSJONI PARROKKJALI FL-ISLA (1968)

L-Arċipriet Sladden beda l-parrokat tiegħu fi Frar 1967. Huwa ried li mill-ewwel jagħti spinta lill-ħidma pastorali fil-parroċċa. Waħda mill-ewwel ideat kienet li jirriforma l-mod kif isiru l-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan, li f'dawk iż-żminijiet kienu jsiru f'numru kbir mifruxin matul ir-Randan kollu. Għalhekk, għar-Randan tal-1968 – 50 sena ilu – organizza Missjoni Parrokkjali bejn it-22 ta' Marzu u s-7 ta' April.



MISSJONI

PARROKKJALI

FL-ISLA

Programm

22 - 3 - 68     7 - 4 - 68

*Il-programm stampat li kien tqassam fil-Missjoni Parrokkjali tal-1968.*

Matul dawk il-ġimagħtejn, saru xejn anqas minn għaxar korsijiet ta' eżerċizzi – ħafna minnhom ta' ġimagħtejn – għal kull kategorija ta' nies u f'ħinijiet u postijiet differenti biex jilħqu lil kulħadd. Dawn il-prietki kienu dejjem jibdew bil-quddiesa. Minbarra ħafna saċerdoti barranin, ħadu sehem ukoll l-Isqof Mons. Emm. Galea u l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi. Din il-missjoni bdiet b'pellegrinaġġ bix-



xbieha mirakoluża ta' Ġesu Redentur u ngħalqet b'ieħor bl-istatwa tad-Duluri. Minn dakinhar, dawn iż-żewġ pellegrinaġġi baqgħu jsiru b'mod regolari fir-IV u s-VI ġimgħa tar-Randan. Mis-sena 1980, il-pellegrinaġġ bir-Redentur ħa bixra djoċesana bil-parteċipazzjoni tal-Arċisqof.

## 25 SENA MILL-INAWGURAZZJONI TAL-PITTURA TAL-KOPPLA (1993)

Nhar il-21 ta' Marzu 1993 – 25 sena ilu – kienet inawgurata il-pittura tal-koppla, xogħol il-pittur Frank Portelli. Din hija fil-fatt it-tielet pittura tal-koppla fuq tliet koppli differenti li kellha l-knisja. It-tema ewlenija fit-tmien panewijiet, magħżula b'konsultazzjoni ma' Patri Guido Schembri OFM, biblista magħruf, hija l-Madonna bħala Sultana. Fiċ-ċentru, l-Madonna tidher bħala Sultana tal-Anġli, u fis-seba' l-oħra bħala Sultana tal-Patrijarki, tal-Profeti, tal-Appostli, tal-Martri, tal-Konfessuri, tal-Verġni u tal-Ħolqien kollu.

Għall-okkażjoni tal-inawgurazzjoni, kien stampat librett ta' tifkira u informazzjoni, u kien sar programm akkademiku. Dan kien jinkludi diskorsi interessanti minn Dun Gino Gauci bit-tema "Il-Knisja u l-Arti Sagra" u ieħor minn Mons. Prof. Vincenzo Borg dwar id-dehra tal-koppla mill-aspett reliġjuż/viżiv tagħha. Il-kor parrokkjali Marija Bambina anima l-okkażjoni bil-kant ta' mużika sagra, u l-opra ġiet inawgurata mill-Arċipriet Kan. Dun Vinċenz Cachia u l-pittur Frank Portelli nnifsu. Din l-opra kienet il-bidu ta' opri oħra tal-arti u pittura fil-Bażilika.




*Il-programm ta' tifkira li kien tqassam fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-koppla.*



*Waqt li kien qed jiżżarma l-armar fil-koppla.*



*Il-Kan. Dun Vinċenz Cachia, Arċirpiet tal-Isla, flimkien mal-pittur Frank Portelli, is-Sinjura Portelli u membri oħra tal-Kapitlu waqt iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-koppla.*